MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2011

Numru. 489/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Farrugia)**

**Vs**
**Francis Rizzo li ghandu numru tal-karta tal-identita' 0942151(M) ta' 58 sena, bin Hector u Grace nee' Grech, mwieled il-Marsa, nhar il-24 ta' Awissu 1951 u residenti Rose Flats, Flat 1, Triq Robert Farrugia, Birkirkara**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Francis Rizzo akkuzat talli nhar it-30 ta' Mejju 2008 ghal habta tas-1:00p.m. gewwa t-Tony's Bar sitwat fi Triq il-Kbira u f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer:

1. ikkaguna feriti hfief fuq il-persuna ta' P.S. 1298 Lambert Ferdinand Zammit u dana anke kif iccertifika Dr. Aldo Fiorini M.D. (Reg.1453) tac-Centru tas-Sahha tal-Mosta.

2. volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, proprjeta ghad-dannu ta' P.C. 1298 Lambert Ferdinand Zammit u dana bi ksur ta'l-artikolu 325(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

3. Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi.

4. Ingurja jew hedded persuni ta' uhud inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezza' jew li jinfluwixxi fuqhom kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, u cioe' fuq il-persuna ta' P.S 1298 Lambert Ferdinand Zammit, PC 257 Godwin Scerri, PC134 Roderick Samut u lil PC433 Rudolph Mallia.

5. Bi vjolenza jew b'theddid gieghel ufficjal pubbliku u cioe' lil ta' P.S 1298 Lambert Ferdinand Zammit, PC 257 Godwin Scerri, PC134 Roderick Samut u lil PC433 Rudolph Mallia li ma jaghmlux xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga taghhom.

6. naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija waqt li kienu qed jaqdu d-doveri taghhom jew ma halliex jew fixklu waqt il-qadi ta' dmirijiethom.

7. volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u glied.

8. gewwa il-hanut Tony's Bar, kien qed ipejjep meta tipjip f'post pubbliku huwa ipprojbit.

9. talli naqas li jaghti partikularitajiet meta gie mitlub mill-Pulizija.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' dana il-procediment.

Rat l-kunsens ta'l-Avukat Generali tat-23 ta' Gunju 2008 sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet il-provi.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'mod ewlieni bir-reati konnessi mal-ingurji u vjolenza kontra ufficjali pubblici u precisament bir-reati ikkontemplati fl-artikoli 95 u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll illi ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq wiehed minn dawn il-pulizija.

Illi dana l-incident sehh waqt spezzjoni li erba' pulizija mill-iskwadra tal-ALE kienu qed jaghmlu f'lokalitajiet pubblici gewwa B'Kara sabiex jizguraw illi ma kienx qed isir tipjip fl-istess. Inzerta illi l-imputat kien qieghed gewwa it-Tony's Bar, B'Kara jilghab fuq il-magni tal-loghob. Hawnhekk il-pulizija, li kienu lebsin pajzana, osservaw illi l-imputat kien qieghed ipejjep u ghalhekk wiehed minnhom u cioe' il-PS1298 Lambert Zammit avvicinah, identifika ruhu mieghu u tallbu biex johrog barra sabiex jaghtih il-particulars tieghu. Ta' min wiehed isemmi illi l-imputat huwa bniedem li ghandu diffikultajiet fis-smiegh u li fil-mument ta'l-incident gie osservat illi kellu riha ta' xorb qawwija fuqu. Dana l-pulizija jghid illi l-imputat hareg 'il barra u rema is-sigarett li kellu f'idu izda beda jirrifjuta li jaghtih id-dettalji tieghu ghax beda jinnega li kien qieghed ipejjep. Ghalhekk l-PS1298 jghid illi f'dana l-mument huwa gibbdu minn idu, izda l-imputat beda jirrezisiti u tajjarlu l-mobile phone minn idejh li spicca waqa' u sofra xi hsara. Hawnhekk indahal il-PC433 fejn l-imputat lil dana l-pulizia ghaddielu l-ID card. Il-PC433 imbaghad ghaddieha lil PS257 li beda jiehu id-dettalji mill-istess. Jidher illi f'dana il-mument l-imputat hebb ghal 1298 u qabdu minn idejh. Il-PC433 kif induna b'dana gibdu u hargu 'il barra fejn f'dana

il-mument jidher illi l-imputat u dana l-pulizija waqghu ma'l-art. Hawnhekk l-imputat gie imqajjem mill-art u mehud l-ghassa. Il-PS1298 jikkontendi illi huwa sofra griehi ta' natura hafifa konsistenti fi tbengila fuq idejh in-naha tal-lemin. Illi dina l-verzjoni hija ikkoroborata mil-PC433. Illi il-PS257 ghalkemm jikkonferma illi kellhom diffikulta' sabiex l-imputat jghaddilhom il-particulars tieghu, madanakollu jghid illi kien biss wara illi huwa ghaddihlhom l-karta ta'l-identita tieghu illi hebb ghas-surgent 1298 fejn hemmhekk tajjarlu l-mobile minn idejh. Jghid illi f'dana il-mument l-imputat u s-surgent spiccaw iggranfati f'xulxin fejn anke spiccaw waqghu ma'l-art.[1] Huwa jsostni illi l-imputat hawnhekk beda jallega illi kienu qed isawwtuh. Fil-fatt l-imputat ukoll sofra xi griehi f'dana l-incident konsistenti f'x'abrazjonijet u xi ugigh fin-naha ta' isfel ta'dahru[2]. Il-PC134 ghalkemm jikkorrobora l-verzjoni tal-PS1298 u il-PC433, madanakollu isostni illi kien l-imputat biss li waqa' ma'l-art huma hu sejrin lejn Ghassa. Jghid illi dana zelaq fuq xi fjuri li kien ghad hemm fl-art peress illi f'dik il-lejla kienet ghaddiet il-purcissjoni ta' Corpus.[3]

Illi l-imputat, kemm fix-xhieda moghtija minnu f'dina l-kawza kif ukoll fl-istqarrija rilaxxjata minnu, jinnega illi kien qieghed ipejjep u jsostni illi l-pulizija kienu aggressivi mieghu u anke ikkagunawlu xi griehi.[4] L-imputat jikkonferma illi inqala' argument bejnu u bejn il-pulizija ghar-rigward tat-tipjip peress illi huma bdew isostnu illi hu kien qieghed ipejjep filwaqt illi min-naha tieghu kien qed jichad dan. Jghid illi huwa imbaghad ghaddielhom l-karta ta'l-identita', izda baqa' jsostni ma' wiehed minnhom li ma kienx qieghed ipejjep u ghamillu subajgh ma' wiccu. Kif dar kien hemm pulizija iehor li qabdu minn drieghu u gibdu u waqghu t-tnejn fl-art. Isostni illi kif gibdu dana l-pulizija jghid illi laqatlu jdejh u tajjarlu l-mobile minn idejh. Wara dana jghid illi huwa gie imkaxkar lejn l-ghassa minn dawn il-pulizija fejn dawn bdew jaghtuh bis-sieq. Isostni illi fil-process qattghulu l-qmis u l-karkur u ingiriflu n-nuccali. In kontro-ezami l-imputat jghid illi huwa jpejjep madwar

[1] Ara xhieda tal-PS257 Godwin Scerri a fol.48 et.seq.

[2] Ara xhieda ta' Dr. Mark Rosso a fol.61 u 62

[3] Ara xhieda tal-PC134 a fol. 71 et.seq.

[4] Ara stqarrija ta'l-imputat a 30-32 u ix-xhieda tieghu a fol. 106 et.seq.

erbghin sigarett kuljum u dak inhar kien ilu madwar erba sighat fuq il-magna tal-loghob meta gew il-pulizija u kien xtara madwar hames fliexken birra.

L-imputat iressaq bhala xhud in difesa lil Charles Falzon li kien prezenti mal-bar f'dik il-lejla. Huwa jsostni illi meta l-pulizija ghamel idu fuq l-ispalla ta'l-imputat, l-imputat dar u xejjirlu daqqa b'idejh u hawn il-pulizija gibdu u l-imputat waqa' ma'l-art. Isostni illi l-pulizija tallbuh il-particulars izda l-imputat ma tahomlhomx. Huwa jsostni illi l-imputat kien ilu hemm minn madwar is-siegha ta' wara nofs in-nhar u li kien xorob bejn tmienja u ghaxra birra. Isostni illi fil-hin li dahlu il-pulizija huwa ma rax lill-imputat ipejjep.[5] Ghalkemm il-pulizija jghidu illi f'dak il-hin kien hemm persuna ohra fil-hanut li kienet qed tpejjep u huma marru fuqu wkoll, dana Falzon isostni illi f'dan il-hin, kien hemm Rizzo biss gewwa.

Ikkunsidrat,

Illi ghalkemm l-imputat jinsab akkuzat bir-reati ikkontemplati fl-artikolu 95 u 96 tal-Kapitolu 9, irid jigi puntwalizzat mill-bidu nett illi hemm distinzjoni netta bejn dawn iz-zewg reati ghalkemm it-tnejn ghandhom bhala vittma persuna fil-vesti ufficjali taghha.

Illi l-artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront ta'l-ufficjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjal ta' dana r-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqsu il-gieh u ir-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.

Illi l-vittma ta' dana ir-reat jista' ikun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1)filwaqt illi ikun qed jaghmel servizz pubbliku (2)jew inkella minhabba li jkun ghamel dana is-servizz pubbliku, (3) jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

[5] Ara xhieda ta' Charles Falzon a fol.127

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dana il-mottiv fit-tieni w it-tielet istanza imsemmija fil-ligi. Dana billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku jkun qieghed jaghti is-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa jkun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li isemmi il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, jghidu:

**"*Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il-motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre*."**

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra irid ikun jigi ippruvat *nexus* bejn l-oltragg u il-qadi tal-funzjoni pubblika.

Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku.

Il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu jghid:

"***This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, <u>provided the offender was aware of his status as such person</u>.*" (sottolinjar tal-Qorti)**

Sahansitra f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fl-2 ta' Novembru 1917 f'kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Giuseppe Borg jinghad:

**"*Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell'agente, e' necessario ad integrare l'elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualita' ufficiale dell'oltraggiato, ma questa scienza puo' sussistere indipendentemente dalla questione se***

***il pubblico ufficiale portasse on no la divisa della sua carica al tempo dell'oltraggio; di guisacche' il reato puo' avverarsi anche se l'ufficiale non indossasse tale divisa a patto, ben inteso, che risulti della scienza nell'oltraggiante della qualita' ufficiale dell'oltraggiato*.” (sottolinjar tal-Qorti).**

L-awturi kollha Taljani fosthom il-Maino u il-Carrara isotnu:

**“*Non occorre che il pubblico ufficiale vesta la divisa, ma la sua qualita debe essere nota a chi resiste*.”**

L-artikolu 96, imbaghad ghalkemm ukoll ghandu bhala vittma, l-ufficjal pubbliku, jikkontempla tlett elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dana ir-reat:

1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi jkun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita' ghalhekk mhux sufficjenti ghal kummissjoni ta' dana ir-reat. Il-Mamo ikompli ighid:

**“*It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith.*”** Fin-nuqqas ta' dana jista' jissussiti biss ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 95 biss.

Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompjanta bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb. Ghalhekk insulti jew theddid qatt ma jistghu jwasslu ghal htija taht dina d-disposizzjoni tal-ligi.

2. Fit-tieni lok ir-reat irrid jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi ***“persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku”***. Illi l-Qorti taghmel referenza ghal dak sottolinjat iktar 'il fuq u

cioe' illi huwa necessarju illi ghalkemm tali persuna mhux necessarjament ghandha tkun libsa uniformi jew xi marka jew sinjal li turi il-kapacita li fiha qed tagixxi, madanakollu ix-xjenza tal-persuna li qed tikkometti dana ir-reat illi l-vittma hija ufficjal pubbliku hija necessarja. Altrimenti il-*mens rea* ghal kummissjoni ta' dana ir-reat ikun nieqes.

3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku jrid isir filwaqt illi huwa jkun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo ikompli ighid**: "*Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime*."**

Il-Qrati taghna f'diversi sentenzi spjegaw id-differenzi bejn dawn iz-zewg reati. F'sentenza Il-Pulizija vs Joseph Zahra deciza mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002 gie deciz:

**"*Dana l-artikolu* (b'referenza ghall-artikolu 96) *jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) – "waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz*".**

Ikkunsidrat,

Illi ghalkemm hemm xi konfliggenza fix-xhieda kemm dik tal-pulizija, kif sottolinjat iktar 'il fuq, kif ukoll bejn dik tal-prosekuzzjoni w id-difiza, madanakollu hemm qbil fuq certu punti. Fl-ewwel lok ma hemmx dubbju illi l-erba ufficjali tal-pulizija kienu qed jaqdu id-dmirijiet taghhom meta sehh l-incident. Illi l-imputat gie infurmat mal-ewwel

illi dawn kienu pulizija w ir-raguni ‘il ghala huma kienu qed jitolbuh il-particulars tieghu. Ma hemmx dubju lanqas illi l-imputat beda jirrifjuta li jghaddilhom dawn il-particulars u beda jargumenta maghhom. Kien minhabba f’dana l-atteggjament ta’l-imputat li ma bediex jikkopera mal-pulizija illi inqala’ dana l-incident. L-incident sehh ghal habta ta’l-ghaxra ta’ fil-ghaxija. Jidher illi l-imputat li huwa bniedem li jpejjep numru sostanzjali ta’ sigaretti kuljum, kien ilu jilghab fuq il-magna tal-loghob ghal sighat twal, kien qieghed jitlef u anke kien xorob ammont mhux hazin ta’ birra. Ma hemmx dubju ghalhekk illi meta avvicinawh il-pulizija huwa ma kienx fl-ahjar burdata. L-imputat huwa wkoll bniedem li ghandu diffikulta fis-smiegh u ghalhekk ma hemmx dubju illi meta kellem lill-pulizija huwa gholla lehnu maghhom. Dana l-atteggjament certament fixkel lill-pulizija fil-qadi ta’ dmirijiethom u sahansitra wassal sabiex huma iddecidew jarrestaw lill-imputat minhabba l-intransigenza tieghu. Jidher ukoll illi l-imputat beda ixejjer idejh u anke qabad lill-PS1298 minn drieghu tant illi l-istess surgent sofra griehi f’idejh. Hawnhekk huma gew fl-idejn, l-imputat spicca fl-art meta il-pulizija l-ohra marru biex irazznuh u jidher illi f’dina it-taqtiegha il-mobile tal-PS1298 intlaqat mill-imputat waqa u saritlu xi hsara. L-imputat jallega illi l-pulizija kaxkruh sal-ghassa, bdew jaghtuh bis-sieq w itrattawh hazin. Illi ghalkemm huwa minnu illi l-imputat kellu xi griehi u anke il-qmis imqatta’ madanakollu dana kollu huwa kompatibbli mat-taqtiegha li kien hemm bejnu u bejn il-pulizija fejn huwa spicca waqa’ fl-art. Fil-fatt huwa sofra xi abrazjonijiet u kellu xi ugiegh f’dahru. Li kieku il-pulizija kaxkruh u bdew jaghtuh bis-sieq kif jallega l-imputat, zgur illi huwa kien isofri griehi iktar gravi. Illi l-Qorti kellha l-opportunita tosserva il-komportament ta’l-imputat meta hu kien fuq il-pedana tax-xhieda. Jidher illi l-imputat malajr jibda jghajjat u jwiegeb b’mod mhux xieraq meta lanqas ipprovokat u ghalhekk l-Qorti ma ghandhiex dubju illi fil-jum ta’l-incident fic-cirkostanzi partikolari ta’ dana il-kaz kif fuq inghad l-imputat ma kienx fl-ahjar burdata meta avvicinawh dawn il-pulizija, sar aggressiv u anke beda jgholli lehnu maghhom. Ma hemmx dubbju illi huwa fixkilhom fil-qadi ta’ dmirijiethom u anke hebb ghas-surgent 1298 meta dana kien qed jaghmel xogholu. Dana wassal ghall-incident

kollu fejn l-pulizija kellhom jaghmlu forza minima sabiex irazznuh u jehduh lejn l-ghassa. Illi ghalhekk il-fattispecje ta’ dana il-kaz jinkwadraw ruhhom perfettament fir-reat ikkontemplat fl-artikolu 96 tal-Kapitolu 9.

Illi l-ewwel akkuza dwar l-offiza ta’ natura hafifa fuq il-persuna tas-Surgent Mizzi kif ukoll s-sitt akkuza huma t-tnejn komprizi u involuti fit-tielet akkuza filwaqt illi ghar-rigward tat-tieni akkuza hemm l-applikazzjoni ta’l-artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Illi r-raba akkuza ai termini ta’l-artikolu 95 tal-Kapitolu 9 inghatat bhala kap alternattiv ghat-tielet imputazzjoni u kwindi l-Qorti ser tillibera lill-imputat mill-istess. Illi fir-rigward tal-hames akkuza, dina ma tirrzultax ippruvata billi l-imputat bl-ebda mod ma uza il-vjolenza jew it-theddid biex igieghel lill-pulizija ma jaghmlux dmirhom.  Illi ghar-rigward ta’l-ahhar tlett akkuzi dawn huma ta’ natura kontravvenzjonali. Dawn it-tlieta jirrizultaw ampjament ippruvati. Illi ma hemmx dubbju illi l-imputat kiser il-bon ordni u l-paci pubblika bl-ghajjat u il-glied. Illi ghalkemm l-imputat jichad illi huwa kien qieghed ipejjep, madanakollu l-erba membri tal-korp tal-pulizija involuti kollha jghidu illi l-imputat kellu sigarett f’idu. Inoltre l-imputat stess jammetti illi huwa chain smoker u kwindi il-Qorti temmen bis-shih dak illi jikkontendu il-pulizija involuti f’dana l-incident. Illi dwar l-ahhar akkuza dina wkoll hija kompriza w involuta fis-sitt akkuza meta huwa naqas milli jobdi l-ordnijiet taghhom meta huwa irrifjuta jaghtihom l-particulars minnufuh.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat ghandu diversi problemi f’hajjtu fosthom il-problema tal-loghob ta’l-azzard u tax-xorb. Inoltre l-imputat huwa bniedem li ghandu diffikulta fis-smiegh u ghalhekk dawna l-fatturi kollha wasslu ghal kummissjoni tar-reati addebitati lilu. Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma illi piena karcerarja effettiva certament ma hijiex idonja ghal dana l-kaz.

Ghaldaqstant l-Qorti wara li rat l-artikoli 96, 325(c), 221(1), 338(ee), 338(g), 338(dd), 17(h) u (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u ir-Regolament 3(1) tal-L.S.315.04 filwaqt li tillibera lill-imputat mir-raba u il-hames akkuzi

migjuba fil-konfront tieghu, issibu hati tal-kumplament u tikkundannah ghal perijodu ta’ sitt xhur prigunerija li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta dana il-perijodu ta’ prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta’ dina s-sentenza.

Finalment wara li rat l-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tordna lill-imputat ihallas lil PS1298 Lambert Zammit is-somma ta’ €23.29 ghad-danni sofferti minnu f’dana l-incident u dana fi zmien sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------